Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 117/2023 (Laqgħa b'urġenza)**

**It-Tlieta 02 ta' Mejju, 2023**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00 pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali tal-Fontana |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali ta' Għajnsielem |
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali tal-Għarb |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali ta' Kerċem |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali tal-Munxar |
| Is-Sur Paul Buttiġieġ | Kunsill Lokali tal-Qala |
| Dr Christian Zammit | Kunsill Lokali tax-Xagħra |
| Dr Marlene Cini | Kunsill Lokali taż-Żebbuġ |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali tax-Xewkija |
| Is-Sur Eucharist Camilleri | Kunsill Lokali tan-Nadur |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Christian Zammit | Kunsill Lokali tax-Xagħra |
| Is-Sur Daniel Attard | Kunsill Lokali tal-Għasri |
| Is-Sur Noel Formorsa | Kunsill Lokali ta' San Lawrenz |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali ta' Sannat |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**
Il-President Dr Samuel Azzopardi ippresjieda l-laqgħa.

## 117.1 Talba

117.1.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

## 117.2 Komunikazzjoni tal-President

117.2.1 Il-President irringrazzja lill-membri preżenti talli aċċettaw jattendu għal din il-laqgħa li ġiet imsejħa fi żmien qasir u dan minħabba li l-*audited accounts* ġew lura r-Reġjun f'dawn l-aħħar ġranet. Il-President irringrazzja wkoll lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid Rita Mifsud Attard talli aċċettat il-ħatra tagħha mar-Reġjun Għawdex. Rita Mifsud Attard irringrazzjat lill-membri tal-fiduċja tagħhom fiha u wegħdithom li ser tagħmel l-almu tagħha fil-pożizzjoni l-ġdida tagħha.

## 117.3 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* 2022.

117.3.1 L-*Accountant* tar-Reġjun ippreżenta l-*Audited Financial Statements* għas-sena 2022. Dawn juru li r-Regjun qiegħed f'pożizzjoni finanzjarja tajba. Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport. Il-President irringrazzja lill-*Accountant* tar-Reġjun kif ukoll lill-awdituri inkarigati mill-Gvern Ċentrali.

## 117.4 Materji oħra

117.4.1 Il-President informa lill-membri preżenti li r-Reġjun Għawdex irċieva r-riżenja tal-Maniġer inkarigat mill-proġetti (Project Manager). Din ġiet aċċettata u ġie deċiż li toħroġ sejħa ġdida għal din il-kariga.

## 117.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

117.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tlieta, 30 ta' Mejju fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ______________________ | ______________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |